**10 ta' April, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Maġġur Charles Bartolo ne.

*versus*

Joseph Dalli et.

**Soċjetà "in nome collettivo" — Responsabbiltà tas-Soċi — Solidarjetà — Eskussjoni tas-Soċjetà — Art. 132 tal-Kap. 17.**

*Fl-istat attwali tal-liġi tagħna, din ma tagħmel ebda attenwazzjoni għall-effetti tal-obligazzjoni solidali tas-soċi fis-soċjetà kollettiva; u l-kredituri tas-soċjetà ma għandhomx bżonn, qabel ma jagixxu kontra s-soċi singoli, jeskutu lis-soċjetà.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi d-ditta attriċi kellha depożitat għand il-konvenuti kwantità ta' kanen galvanizzati, u li minn dawk il-kanen naqsu 6710 piedi u 9 pulzieri "pipes" tan-nofs pulzier, li jiswew £181.15.0 bis-6½d. il-pied, u dan waqt li l-merkanzija kienet tinsab taħt il-kustodja u responsabbiltà tal-konvenuti; talab illi l-istess konvenuti jiġu kundannati iħallsu lilu s-somma ta' £181.15.0 bħala ndennizz għaddanni li hu sofra minħabba l-fuq imsemmi nuqqas. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Diċembru 1957;

*Omissis;*

Rat il-verbal in data 6 ta' April 1962 (fol. 76), li minnu jirriżulta illi l-partijiet jaqblu li hemm bejn il-konvenuti soċjetà "in nome collettivo", kif del resto jirriżulta mill-imsemmi dokument fil-fol. 11 tal-proċess, u talbu li qabel xejn tiġi deċiża l-ewwel eċċezzjoni preliminari, fis-sens illi "imissha ġiet konvenuta s-soċjetà, u mhux individwalment is-soċi tagħha";

Semgħet id-difensuri fuq din l-eċċezzjoni, u ċjoè li l-kredituri soċjali ma jistgħux jaġixxu kontra s-singoli soċi qabel ma jkunu eżerċitaw l-azzjoni kontra s-soċjetà, u kkunsidrat;

Illi, meta wieħed jeżamina sewwa l-liġi tagħna, kif għadha sal-lum u l-effetti tas-solidarjetà kif huma definiti fis-sistema tagħna tal-liġijiet, ma jidherx li din l-eċċezzjoni tista' tiġi milqugħa. Il-liġi tagħna, difatti, ma tagħmel l-ebda attenwazzjoni għall-effetti tal-obligazzjoni solidali tas-soċi, kif jagħmlu bosta liġijiet barranin, fosthom, per eżempju, il-liġi taljana, li għandha norma speċjali, kontenuta fit-tieni parti tal-art. 106 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li fl-ewwel parti tiegħu jgħid kif in sostanza jingħad fl-art. 132 tal-Kodiċi tal-Kummerċ tagħna, illi s-soċi fl-isem kollettiv huma obligati "in solido" għall-operazzjonijiet magħmula għan-nom u akkont tas-soċjetà, u fit-tieni parti, dik li tonqos fil-liġi tagħna, jgħid illi b'dan kollu l-kredituri tas-soċjetà ma jistgħux jippretendu l-pagament minn għand is-singoli soċi qabel ma jeżerċitaw l-azzjoni kontra s-soċjetà. Preċett leġislattiv bħal dan jagħmel eċċezzjoni għall-prinċipju tas-solidarjetà, u jirrendi sussidjarja r-responsabbiltà tas-soċi "in nome collectivo". li kwindi jkolhom l-"exceptio excussionis" jekk jiġu qabel iż-żmien imsejħa biex jirrispondu għall-obligazzjonijiet soċjali — konsegwenza loġika tar-rikonoxximent tal-entità ġuridika tas-soċjetà, ta' patrimonju proprju u ta' responsabbiltà konsegwenti. Ħwejjeġ li tabilħaqq għandhom iġibu distinzjoni bejn soċjetà u soċi anki għal dak li jirrigwarda l-eżerċizzju tal-azzjonijiet; u kien għalhekk. kif jirriżulta mir-relazzjoni "Mancini", li ġiet inserita l-imsemmija dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Kummerċ Taljan li tagħmel eċċezzjoni għall-imsemmi prinċipju tas-solidarjetà. Liema prinċipju, kwindi, jibqa' jesplika l-effetti kollha tiegħu fin-nuqqas ta' norma li tagħmillu dik

l-eċċezzjoni, allavolja b'hekk jistgħu jiġu negati dawk irrekwiżiti li l-liġi tattribwixxi lis-soċjetà. Jekk dawn ma għandhomx jiġu negati, għandha tiġi ntrodotta dispożizzjoni bħal dik fuq rikordata tal-liġi taljana; u difatti, l-Ordinanza (no. X) tal-1962 dwar soċjetajiet kummerċjali, li iżda għadha ma bdietx is-seħħ, tikkontjeni norma pjù o meno simili, billi fit-tieni paragrafu tal-art. 6 (fl-ewwel parti dan l-artikolu jgħid li s-soċjetà f'isem kollettiv taħdem taħt isem soċjali u għandha l-obligazzjonijiet tagħha garantiti bir-responsabbiltà illimitata u "in solidum" tas-soċi kollha) jingħad: "Iżda ebda azzjoni ma tkun tista' tittieħed kontra s-soċi ndividwali jekk ma tkunx ġiet eskussa qabel il-proprjetà tas-soċjetà";

Hu veru li fid-dottrina u fil-ġurisprudenza franċiża — u dan qiegħed jingħad għaliex il-liġi franċiża, li fuqha qegħdin dik id-dottrina u dik il-ġurisprudenza, tillimita ruħha tgħid biss li s-soċi "in nome collettivo" huma obligati solidalment għad-debiti kollha tas-soċjetà — b'maġġoranza hu rikonoxxut il-karattru ta' obligazzjoni sussidjarja lill-obligazzjoni tas-soċi; iżda hemm ukoll disakkord kbir. Pardessus, per eżempju, jopina illi l-kreditur jista' jeskuti is-soċi singoli qabel ma jeskuti lis-soċjetà, imma ma jistax jirrivolġi ruħu kontra s-soċi iżolati jekk mhux wara li jkun ġiegħel li jiġi ġudikat kontra s-soċjetà tant dwar il-verità kemm dwar il-kwantità tad-debitu. Delamabre et Lepoitoin jgħallmu li għandha tiġi qabel eskussa s-soċjetà. Lyon-Caen et Renault huma tal-fehma li l-kreditur jista' jaġixxi mill-ewwel kontra s-singoli soċi, imma, għal raġunijiet ta' ekwità, is-soċjetà għandha tiġi qabel kostitwita in mora. Finalment Bravard-Verjrieres jgħidu illi l-kredituri soċjali jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kontra s-soċi mingħajr ebda kondizzjoni;

Il-maġġur parti tal-awturi jirrikonoxxu illi, rigorożament, ma jistgħax jingħad li l-kreditur hu tenut jeskuti s-soċjetà qabel ma jipproċedi kontra s-singoli soċi. Jibqa' veru, b'dan kollu, dak li fuq ġa ġie rilevat, illi mingħajr dispożizzjoni speċjali li tagħmel xi eċċezzjoni għall-prinċipju tas-solidarjetà, bħal dik li nsibu fil-Kodiċi Taljan u f'kodiċijiet oħra barranin, u bħal dik li għad tkun tagħna wkoll meta tibda sseħħ l-Ordinanza X tal-1962, dak il-prinċipju

tas-solidarjetà għandu jispjega l-effetti kollha tiegħu; u tant hu dan hekk, li din kienet ir-raġuni li ġiebet li tiġi mdaħħla l-imsemmija norma, "speċjalissima", kif isejħilha Marghieri, fil-kodiċijiet barranin fuq rikordati, u li sejra tidħol f'tagħna bil-liġi fuq riferita. U ta' din l-opinjoni kien, u hekk kien jgħallem, il-Professur Carlo Mallia, ġa ordinarju tal-kattedra tad-Dritt Kummerċjali fl-università tagħna, kif jirriżulta mill-appunti tiegħu fuq id-Dritt Kummerċjali Malti, fejn jinqara:— "Per effetto della solidarietà il socio azionato non può eccepire l'escussione preventiva degli altri soci. Ma può egli pretendere che il creditore sociale eserciti prima la sua azione contro la società, escuta preventivamente il patrimonio sociale? Il Pipia opina per l-affermativa. 'I soci', egli osserva, 'sono tenuti in solido tra loro, e non già colla società, e contro questa, e non contro i soci, deve in via preventiva e principale esperirsi l'azione dei creditori'. Ma non sembra che questa opinione possa conciliarsi cogli effetti della solidarietà come definita nel nostro sistema delle leggi. E difatti nella legge italiana si è trovato necessario di inserire una nuova ed esplicita disposizione (art. 106) per stabilire che i creditori della società non possono pretendere il pagamento dai singoli soci prima di aver esercitata l'azione contro la società";

Għall-motivi premessi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni; bl-ispejjeż.